**Laqgha Numru 09/K6/2009**

**Introduzzjoni**

Minuti tad-Disa' Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2009 li saret nhar l-Erbgha 17 ta' Gunju 2009.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fil-11 ta' Gunju 2009. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 08/K6/2009.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 08/K6/2009.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Tender 03/2009 u kwotazzjonijiet 10, 11, 12, 13, 14 u 15/09.**

**10. Proposta mill-Maltapost plc ghall-ftuh ta' Sub Post Office.**

**11. Diskussjoni dwar l-Estimi Finanzjarji 2009/2010.**

**12. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**13. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 08/K6/2009.

1.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 08/K6/2009 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li kienet qed tirriserva dritt li tikkumenta darb'ohra fuq il-Minuti minhabba li ma kelliex cans taqrahom.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 08/K6/2009.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 08/K6/2009 item 2.01, ghall-Minuti 07/K6/2009 item 2.01, ghall-Minuti 06/K6/2009 item 2.01, ghall-Minuti 04/K6/2009 item 2.03, ghall-Minuti 03/K6/2009 item 2.04 u ghall-Minuti 02/K6/2009 item 12.12 fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kien qed jirrakkomanda li l-**kwotazzjoni 01/2009 – Finger / Palm Reader** ghandha tigi analizzata minn persuna teknika qabel tittiehed decizjoni kif ukoll kien ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni u li kull membru tal-Kunsill li jaf b'xi persuna teknika f'dan il-qasam kellu jinforma lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg immedjatament sabiex isiru l-arrangamenti mehtiega kif ukoll fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li jidher li ma kien hemm l-ebda membru tal-Kunsill li sar jaf b'xi hadd tekniku fuq dan is-suggett u ghalhekk qal li ser jikkomunika ma' persuna li ghamel l-installazzjoni ta' sistema simili izda akbar mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma**,** il-kelliem qal li kien informa b'dan lill-kuntrattur li jaf huwa l'imma dan kien infurmah li mhux lest li jidhol biex jaghti pariri ta' din ix-xorta.

2.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li fil-passat il-Kunsill nefaq flus fuq apparat li baqa' fuq l-ixkaffa minhabba li jidher l'llum mhux kompatibbli mas-sistemi li ghandu l-Kunsill.

2.03. B'riferenza ghall-Minuti 08/K6/2009 item 2.02, ghall-Minuti 07/K6/2009 item 2.02, ghall-Minuti 06/K6/2009 item 2.02, ghall-Minuti 04/K6/2009 item 2.08 u ghall-Minuti 03/K6/2009 item 8.09 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona l'issir attivita' ghat-tfal ta' l-Iskola fejn dawn jigu mistiedna jkunu parti minn delegazzjoni (ghas-spejjez taghhom) sabiex izuru Wales u dan bhal ma diga kien sar fl-imghoddi, is-Sindku Joe Zammit irrakkomanda li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghandu jaghmel din il-laqgha ma' MEUSAC rigward din l-attivita'. Il-kelliem qal li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien infurmah li din il-laqgha ghad trid issir.

2.04. B'riferenza ghall-Minuti 08/K6/2009 item 2.03, ghall-Minuti 07/K6/2009 item 2.03, ghall-Minuti 06/K6/2009 item 2.07, ghall-Minuti 04/K6/2009 item 2.12 u ghall-Minuti 03/K6/2009 item 11.59 rigward l-uniformijiet ta' l-impjegati tal-Kunsill fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li fil-jiem li gejjien kien ser imur jara l-kumpaniji li jipprovdu l-uniformijiet ma' wahda mill-iskrivani minhabba l'issa ghadda hafna zmien u ma kien hemm ebda kuntatt mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, kif ukoll fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien qal li kien ser isib hin biex jakkumpanja huwa wahda mill-impjegati tal-Kunsill biex tintghazel l-uniformi, is-Sindku Joe Zammit qal li jidher li ghad ma nstabx hin biex issir din il-bicca xoghol.

**46/1313/09/I** 11/03/2009 E-mail minghand id-Direttorat tal-Bini u Tiswija ta' Djar fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar id-dawl fi Triq il-Beatu Dun Gorg Preca informa lis-Sindku li kif ga spjegalu m'ghadhomx dipartiment izda jiffurmaw parti mill-Awtorita' tad-Djar u l-Awtorita' iddeciedew li x-xoghol irid isir mill-Kunsill.

2.05. B'riferenza ghall-Minuti 08/K6/2009 item 2.04, ghall-Minuti 07/K6/2009 item 2.04, ghall-Minuti 06/K6/2009 item 2.08, ghall-Minuti 04/K6/2009 item 6.69 u ghall-korrispondenza numru **46/1313/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li ghandha ssir konferenza stampa fuq il-post rigward din il-materja u li jkunu nfurmati biha ukoll l-AKL, ir-residenti kif ukoll kull politiku li ghandu lil Pembroke bhala distrett tieghu halli kulhadd ikun jaf x'qed jigri, is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-

Kunsill japprova l'issir laqgha ghal dawn in-nies minflok ma ssir il-konferenza stampa.

2.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

2.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1940/09/I** 13/04/2009 E-mail minghand il-Kunsill Malti ghall-Isport fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill fejn tlabna laqgha mas-Sur Joe Cassar informa l-Kunsill li lest li jiltaqa' maghhom nhar it-23 t'April 2009 fid-9.30am gewwa Cottonera Sports Complex.

**46/1955/09/I** 14/04/2009 E-mail minghand is-Sur Victor Camilleri ta' Pembroka Athleta Athletics Section fejn b'riferenza ghall-laqgha li saret mas-Sur Joe Cassar CEO tal-KMS kien hareg b'zewg proposti sabiex is-Sezzjoni taghti sapport fi progett 'Girls on the Move' u l-progett l-iehor Skola Sport ta' l-Atletika. Talab biex il-Kunsill jikteb ittra lil KMS sabiex tigi stabbilita' Pembroke Local Council Athletic School u fl-ahhar talab biex bhas-soltu nikkonfermaw li se naghtu donazzjoni ghall-maratona li saret fil-5 ta' April 2009.

2.08. B'riferenza ghall-Minuti 08/K6/2009 item 2.05, ghall-Minuti 07/K6/2009 item 2.06, ghall-Minuti 06/K6/2009 item 8.04 u ghall-korrispondenza numri **46/1940/09/I u 46/1955/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li l-laqgha ma saritx f'din id-data u ghalhekk kien talab biex il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli meta jkun jista' jaghti data ohra ghal din il-laqgha u kien ippropona ukoll li ghal din il-laqgha jkunu prezenti dirigenti ta' Pembroke Athleta, is-Sindku Joe Zammit qal li din il-laqgha ghad ma gietx iffissata.

**46/2008/09/I** 16/04/2009 E-mail minghand is-Segretarjat Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni fejn baghtu l-iskeda finali tal-elezzjonijiet kif giet imhabbra fir-Riforma tal-Kunsilli Lokali.

2.09. B'riferenza ghall-Minuti 08/K6/2009 item 2.06, ghall-Minuti 07/K6/2009 item 2.07, ghall-Minuti 06/K6/2009 item 8.19 u ghall-korrispondenza numru **46/2008/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona l'issir laqgha pubblika ta' taghrif rigward ir-riforma tal-Kunsilli Lokali specjalment rigward id-delegi li ghandu l-Kunsill, il-voti finanzjarji l'inghata l-Kunsill kif ukoll ir-rotta gdida kif proposta mill-Gvern fir-riforma fakkar li din il-laqgha ser ssir fil-gimghat li gejjien u data u hin jithabbru wara li l-ligi tkun giet approvata mill-Parlament.

**46/2082/09/I** 20/04/2009 Kopja ta' artiklu li deher fuq il-gurnal il-Mument ta' nhar il-Hadd 19 ta' April taht t-titlu Kunsill Lokali Pembroke - Tberbiq ta' flus il-poplu.

**46/2464/09/I** 07/05/2009 Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jitlob aktar informazzjoni dwar il-gemellagg propost mal-belt ta' Anning.

2.10. B'riferenza ghall-Minuti 08/K6/2009 item 2.07, ghall-Minuti 07/K6/2009 item 2.09, ghall-Minuti 06/K6/2009 item 8.57 u ghall-korrispondenza numri **46/2082/09/I u 46/2464/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrispondi dan l-artiklu fil-jiem li gejjien halli l-Kunsill jara kif ser tisvolgi din it-talba tal-Kunsill ghal zjara fic-China halli jsir iffirmar ta' Patt ta' Hbiberija ma' Anning, is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill kien ircieva minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar dan is-suggett fejn it-talba tal-Kunsill giet rifjutata **(46/3204/09/I)**.

2.11. B'riferenza ghall-Minuti 08/K6/2009 item 2.10, ghall-Minuti 07/K6/2009 item 2.14, ghall-Minuti 06/K6/2009 item 14.10 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet qalet li taf b'xi NGO Germanizi li qed jaghmlu xi progett li jigbru qtates abbandunati kif ukoll li kienet qalet li ser tipprova tikseb aktar informazzjoni u tirreferi lura lill-Kunsill, is-Sindku Joe Zammit qal li ghad ma waslet l-ebda informazzjoni lill-Kunsill rigward din il-materja kif issuggerita mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kif ukoll li skond il-Minuti ta' l-ahhar laqgha din qalet li ma kelliex kuntatt ma dawn is-sinjuri, il-kelliem qal li din ghalhekk ma ghandiex tibqa' tidher.

2.12. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrakkomandat li l-Kunsill jaghmel kuntatt ma' Dr. Lawson ghall-parir fuq l-ammont ta' qtates li hawn fil-lokal kif ukoll minhabba mard li ghandhom.

2.13. B'riferenza ghall-Minuti 08/K6/2009 item 2.12, ghall-Minuti 07/K6/2009 item 2.15, ghall-Minuti 06/K6/2009 item 14.30 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet talbet li l-Kunsill ihallas ghall-biljett ta' l-ajru ghall-mawra li hija kellha f'Roccalumera fejn skond hija kienet waslet korrispondenza relatata li fetah is-Sindku u li kellha tipprezenta lill-Kunsill biex turi li kienet mistiedna sabiex taghmel numru ta' lezzjonijiet bl-ingliz lill-istudenti taljani, is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ghad ma gabet l-ebda ittra ufficjali lill-Kunsill rigward din il-materja u skond l-ahhar laqgha tal-Kunsill l-Kunsillier Vella Brincat ma kummentatx. Wara diskussjoni li saret is-Sindku Joe Zammit qal li kien qed jipproponi li l-Kunsill ihallas ghall-ispejjez tal-biljett ta' l-ajru li ghamlet il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat waqt stedina li kellha f'Roccalumera biex tghallem l-inglizax jidher li hemm qbil fil-Kunsill li ghalkemm il-Kunsill ma ircieva l-ebda ittra ufficjali minn Roccalumera l-istedina u diskussjoni fuq dan is-suggett saret fil-laqgha li kellu il-|Kunsill mal-hames teachers li gew Malta xi zmien ilu flimkien ma' grupp ta' tfal minn Roccalumera u rhula tal-madwar.

2.14. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.15. Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava u Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat astjeniet.

2.16. Il-mozzjoni ghaddiet.

2.17. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li dawn il-flus m'ghandhomx jinhargu mill-vot tal-gemellagg

2.18. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2512/09/I** 11/05/2009 — E-mail minghand il-Kunsill Lokali Mtarfa fejn baghtu stedina ghall-attivita' storika li ser issir fl-Imtarfa fis-17 ta' Mejju 2009.

2.20. B'riferenza ghall-Minuti 08/K6/2009 item 2.13, ghall-Minuti 07/K6/2009 item 6.53 u ghall-korrispondenza numru **46/2512/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li fuq l-istess binarju l-Kunsill ghandu jahseb biex jorganizza xi haga simili bhal per ezempju passing out parade and trooping of colours minn rapprezentazzjonijiet militari minn pajjizi li xi darba kienu jahkmu lil Malta, kif ukoll kien qal li kien ser jipprepara dettal ta' programm f'dan is-sens ghal diskussjoni l-quddiem, is-Sindku Joe Zammit qal li ladarba tohrog l-applikazzjoni ghall-attivitajiet kulturali b'fondi specifici minghand il-Gvern, issir l-applikazzjoni necessarja**.**

**46/2555/09/I** 13/05/2009 — E-mail mill-MEUSAC fejn staqsew sabiex jekk irid il-Kunsill jista' jikteb

artiklu sabiex jigi ppubblikat dwar 'EU Funded Programmes'.

2.21. B'riferenza ghall-Minuti 08/K6/2009 item 2.15, ghall-Minuti 07/K6/2009 item 6.67 u ghall-korrispondenza numru **46/2555/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit qal li ser jipprovdi lis-Sur Osvalido Zammit mill-MEUSAC kull informazzjoni rigward dan il-progett tal-Kor ta' Wales, is-Sindku Joe Zammit qal li din kien ser jaghmlu fil-jiem li gejjien u ser ikun qed jikkomunika mas-Sur Osvalido rigward din il-materja.

2.22. B'riferenza ghall-Minuti 08/K6/2009 item 6.10 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien qal li jekk il-Kunsill ma jkollux rispons minghand il-kuntrattur dwar xoghol pendenti ta' patching li ghandu l-Kunsill ghandu jikkunsidra li jittermina l-kuntratt tal-kumpanija Ell's Urban Services minhabba l-urgenza tax-xoghol, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li wara li kienu ntbaghtu tlett ittri u saru diversi telefonati, il-kuntrattur cempel il-Kunsill u kellu jiltaqa' mas-Sindku Joe Zammit nhar it-Tnejn 15 ta' Gunju 2009.

2.23. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-kuntrattur gie u dar madwar Pembroke biex ra fejn hemm bzonn isir ix-xoghol.

2.24. B'riferenza ghall-Minuti 08/K6/2009 item 6.15 il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab li dan is-suggett dwar ittri li jinkitbu qabel tkun saret il-laqgha tal-Kunsill, ghandu jkun diskuss fil-prezenza tas-Sindku Joe Zammit, is-Sindku Joe Zammit qal li b'riferenza ghall-mistoqsija tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat rigward kitba ta' ittri u risposti, il-kelliem qal li hija r-responsabilita' tas-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv l'ittri jinkitbu skond il-bzonn u l-htiega tax-xoghol ta' kuljum u sakemm ikun b'kontinwazzjoni ta' l-ordnijiet u policies addottati mill-Kunsill. Il-kelliem qal li l-ittra l'intbaghtet rigward it-torri kienet titlob l'issir protesta ghax tmur kontra l-policy tal-Gvern stess li Kunsill (Gvern) Lokali ghandu jkun ikkonsultat f'dak li ghandu x'jaqsam fit-territorju tieghu aktar u aktar meta l-istess Kunsill kellu talba ghad-devoluzzjoni ta' dan is-sit kif ukoll fid-diskussjonijiet li kienu ghaddejjin flimkien mal-MTA rigward l-uzu ta' dan is-sit.

2.25. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li hija tippretendi li qabel ma jintbaghtu l-ittri ta' certu portata ghandhom jigu ccirkolati lill-membri tal-Kunsill qabel jintbaghtu.

2.26. Is-Sindku Joe Zammit qal li bhala Sindku se jzomm id-dritt li jekk ihoss il-htiega l'ittri fuq policies u li jikkoncernaw certu suggetti ser jibda jinforma lill-Kunsilliera dwarhom qabel jibghathom.

2.27. B'riferenza ghall-Minuti 08/K6/2009 item 6.28 u ghall-korrispondenza numru **46/2766/09/I** fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li l-Kunsill jiehu sehem f'dan il-programm fit-tlett oqsma: sports, cultural heritage u youth/citizen initiatives kif ukoll li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghandu jara li jimtela d-dokument u jaghmel kuntatt mal-MEUSAC biex jinghata parir fuq dan id-dokument jekk huma jafu bih. Il-kelliem qal li jidher li m'hemm ebda hlas minnaha tal-partecipanti, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li kien ghadu qed jivverifika dwar dan.

2.28. B'riferenza ghall-Minuti 08/K6/2009 item 6.37 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li l-Kunsill jorganizza kuncert muzikali fit-Teatru Manuel f'Settembru 2009 fejn l-ispejjez ghandhom jingabru minn bejgh ta' biljetti ghall-istess kuncert kif ukoll li ghandhom jinghataw numru ta' biljetti b'xejn, is-Sindku Joe Zammit irrimarka li l-Kunsill ghandu jistabbilixxi data ta' meta ser issir l-attivita', kemm il-gurnata, kemm ser ikunu l-partecipanti u jekk din l-attivita' hijiex ser issir mill-Kunsill biss u jew bil-kollaborazzjoni ta' xi Ministeru u jekk iva x'ser tkun l-ghajnuna. Il-kelliem qal li fl-istess hin ser titressaq ghall-approvazzjoni tal-KunsillI id-

draft ta' Bye Law dwar attivitajiet u korsijiet li jaghmel il-Kunsill minn zmien ghal zmien kif pprezentata mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

2.29. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-korsijiet tal-ganutell u korsijiet ohra ghandhom jigu ssussidjati finanzjarjament mill-Kunsill. Il-kelliema pproponiet ukoll li l-Kunsill ghandu jikteb ukoll immedjatament lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar dan minhabba li dawn il-korsijiet ser jibdew minn nhar il-Hamis 18 ta' Lulju 2009.

2.30. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.31. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.32. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg xtaq ikun jaf xi zviluppi kien hemm wara l-laqgha li kien hemm dwar il-korsijiet ta' krafts.

2.33. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li l-kors tal-Ganutell ser jibda nhar ta' Hamis 18 ta' Gunju 2009 u ser isir bejn il-5.30pm u 7.30pm ghal ghaxar gimghat u l-French Beeding ser jibda nhar il-Gimgha 19 ta' Gunju 2009 u ser isir bejn il-9.30am u l-11.30am. Il-kelliema qalet li l-ghalliema ser titlob lill-Kunsill l-ammont ta' € 11.65 ghal kull siegha bhala hlas. Fid-dawl ta' dan il-kelliema pproponiet li r-residenti ghandhom ihallsu biss €20.00 ghal kull kors u l-kumplament ikun issussidjat mill-Kunsill.

2.34. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li biex isiru korsijiet simili hemm bzonn ta' Bye Law apparti l-fatt li jirrizulta li l-Kunsill ma jistax jissussidja attivitajiet simili.

2.35. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda l-proposta tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u zid li l-Kunsill ghandu jiehu parir minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali malajr kemm jista' jkun.

2.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.37. B'riferenza ghall-Minuti 08/K6/2009 item 6.44 fejn b'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2807/09/O** fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li l-Kunsill jixtri Examination Couch, stainless steel litterbin u magna li tkejjel il-pressjoni fid-demm sabiex ikunu jistgħu jintużaw mit-tabib/nurse li ser jibda jkun hemm fil-Berga. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kienu ngabru diversi kwotazzjonijiet ghal dawn l-affarijiet.

2.38. B'riferenza ghall-Minuti 08/K6/2009 item 6.88 fejn b'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2891/09/I** fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li l-Kunsill jaccetta l-kwotazzjoni ta' Hotel Xlendi Resort & Spa vis-a-vis l-attivitajiet li ser isiru ghal Jum Pembroke 2009 jekk dan jipprovdi t-trasport ukoll mal-prezz. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li sid il-lukanda kien infurmah li ma setax jaghmel dan.

2.39. B'riferenza ghall-Minuti 08/K6/2009 item 8.09 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li f'Jum Pembroke ghandhom jigu mistiedna Hector Bruno u George Micallef li jaghmlu l-parti ta' Jessie u Bessie fuq NET TV biex jallegraw lir-residenti. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dawn il-persuni ma kienux disponibbli.

2.40. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li minflok kien avvicina lill-koppja Joe u Veronica Farrugia kif ukoll lil Elvis ta' Pembroke. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova li l-Kunsill jixtri s-servizzi ta' dawn il-persuni.

2.41. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

2.42. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.43. B'riferenza ghall-Minuti 08/K6/2009 item 10.22 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat dwar l-entratura ta' Pembroke kienet ipproponiet li ghandhom jergghu jinzerghu s-sigar fis-sit fejn ftit tal-gimghat ilu twitta s-sit sabiex ikunu jistghu jipparkjaw il-vetturi kif ukoll irrakomandat li jinzerghu ukoll creepers u b'hekk zgur ma jkunux jistghu jipparkjaw vetturi, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsilliera li wara li sar dan il-parkegg fuq talbiet persistenti tar-residenti tal-blokk, ma jaghmilx sens l'issa jitnehha ghax xi nies qed juzaw dan l-ispazju biex jirriklamaw il-vetturi ghall-bejgh. Il-kelliem talab lill-Kunsilliera l'approvaw din il-mozzjoni fl-ahhar laqgha biex jikkunsidraw li ghalkemm huwa tajjeb, qal li huwa jaqbel li jinzerghu sigar, izda dan ghandu jsir mad-dawra tal-hajt tat-triq biss u li dawn is-sigar ikunu Oleander biex b'hekk tinghalaq il-vista mit-triq u fl-istess hin jibqa' jitgawda bhala parkegg ghar-residenti. Il-kelliem qal li l-Kunsill m'ghandux jinsa li dan ix-xoghol sar wara hafna talbiet ta' dawn ir-residenti u jekk hemm xi hsieb li jitnehha ghal kollox allura ghandha ssir konsultazzjoni ma' l-istess residenti tal-blokk.

2.44. Fid-dawl ta' dan il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li d-decizjoni kienet ittiehdet sabiex jispicca l-parkegg u ghalhekk ippropona li jingabru kwotazzjonijiet ghal thawwil ta' sigar ta' l-Oleander (homor, bojod u roza) kemm f'din iz-zona kif ukoll fuq ix-xaqliba l-ohra.

2.45. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

2.46. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.47. B'riferenza ghall-Minuti 08/K6/2009 item 10.28 u ghall kummenti li ghamlet il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fic-celebrazzjoni tal-Kappillan huwa ma setax jattendi peress li kien qed jassisti l-familja ta' l-gharus tat-tifla tieghu Isabel ghax hu l-gharus taghha ttiehed l-isptar b'urgenza ghax kien hazin, tant li miet il-Hadd 31 ta' Mejju fil-11:00 ta' filghodu. Il-kelliem qal li kien ser jinforma b'dan lil Dun Rene'.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 30/2009** b'lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 07/K6/2009 u 08/K6/2009 **(Ara dokument A)**; **Internal Memo 31/2009** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 07/K6/2009 u 08/K6/2009 **(Ara dokument B)**; **Internal Memo 32/2009** b'rapport tal-laqgha li saret ma' rapprezentanti mid-Dipartiment ghall-Kura Primarja **(Ara dokument C)**; **Internal Memo 33/2009** b'rapport tal-kwotazzjonijiet 08 u 09/2009 **(Ara dokument D)**; **Internal Memo 34/2009** b'rapport tat-Tender 03/2009 u Kwotazzjonijiet 10, 11, 12, 13, 14 u 15/2009 **(Ara dokument E)**; **Internal Memo 35/2009** b'rapport tal-kwotazzjonijiet 16 u 17/2009 **(Ara dokument F)**; **Internal Memo 36/2009** b'lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 08/K6/2009 u 09/K6/2009 **(Ara dokument G)**; **Internal Memo 37/2009** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 08/K6/2009 u 09/K6/2009 **(Ara dokument H)**; Flyer dwar il-ftuh ta' Berga fil-Kunsill **(Ara dokument I)**; Flyer b'diversi avvizi lir-residenti fosthom dwar l-inxir ta' hwejjeg fuq barra u drains ta' l-arja kundizjonata, BBQ's fid-djar, gbir ta' skart fil-festi u l-hinijiet tal-ftuh tal-librerija pubblika **(Ara dokument J)**; Flyer bil-programm ta' Jum Pembroke **(Ara dokument K)**; Lista' ta' l-inviti ta' Jum Pembroke **(Ara dokument L)**; Flyer ta' l-Ghaqda Anzjani Pembroke **(Ara**

**dokument M)** u Draft ta' Bye Law dwar l-Organizazzjoni ta' Korsijiet u Hargiet **(Ara dokument N)**.

3.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li fuq il-flyer fejn ir-residenti gew infurmati li ser tinfetah Berga fil-lokal ma kien hemm ebda ndikazzjoni li din hija parti mid-dikasteru taghha u qalet li hija qed thoss li din hija diskriminazzjoni kontra l-Kunsilliera tal-PN.

3.03. Is-Sindku Joe Zammit qal li din ma kienetx attivita' organizzata minn xi Kunsillier bhala Chairperson ta' sotto kumitat izda inizjattiva tal-Kunsill. Il-kelliem qal li meta il-Kunsiller Evelyn Vella Brincat tipproponi xi attivita fil-Kunsill taht id-dekasteru taghha u tkun approvata mil-Kunsill allura titnizzel bhala chairperson tas-sotto kumitat organizzativ.

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-Internal Memos ipprezentati mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

4.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li b'riferenza ghall-kwotazzjonijiet 08/09 (Provvista ta' festun bil-bnadar) u 09/09 (Provvista ta' boroz ghall-gbir ta' skart irriciklagg mid-djar), li ghalqu nhar il-Gimgha 29 ta' Mejju 2009, hadd ma kien tefa' offerti.

4.03. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li rigward il-pubblikazzjoni ta' Ktieb dwar Pembroke hemm bzonn ta' tender u decizjoni dwar il-qies tal-ktieb, materjal tal-karta ecc.

4.04. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-ewwel il-ktieb irid jigi approvat mill-Kunsill u wara jigi deciz x'ser isir.

4.05. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li ghall-kors dwar Health & Safety kienu applikaw biss zewg persuni u xtaq direzzjoni minghand il-Kunsill dwar x'ser isir.

4.06. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li minhabba li ma kienx hemm konkorrenza dan il-kors ghandu jithassar u min applika ghadu jinghata l-flus lura.

4.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

4.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn l-4 u s-17 ta' Gunju 2009 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/2918/09/I**
02/06/2009

Ittra mill-Korporazzjoni Enemalta fejn b'riferenza ghall-qtugh ta' dawl ta' barra f'Sit B informaw lill-Kunsill l-applikazzjoni qeda fuq is-Sindku u huwa ghalhekk li jidhol responsabbli ghal kull hlas dovut u jekk irid jista' jsir

trasferiment tal-bdil fil-konsumatur izda qabel irid jithallas il-kont pendenti.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2918/09/I** is-Sindku Joe Zammit nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li kien talab l-assistenza tal-Avukat tal-Kunsill rigward dan il-kaz ghax meta huwa kien iffirma l-applikazzjoni ghall-installazzjoni ta' l-arlogg tad-dawl, huwa kien ghamel hekk bhala Sindku u mhux fuq bazi personali. Il-kelliem qal li ser ikompli ghan-nom tal-Kunsill jiggieled dan id-dritt tal-Kunsill li ma jhallasx ghal dawl pubbliku.

**46/2929/09/I** 02/06/2009 E-mail minn Grant Thornton fejn baghtu kopja tal-financial statements ghas-sena li taghlaq fl-31 ta' Marzu 2009 u kopja draft tal-management letter ghall-kummenti tal-Kunsill.

6.03. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2929/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li la darba dan id-dokument ikun approvat mill-Kunsill u ghalhekk ikun dokument pubbliku, kopja tieghu ghandu jintbaghat lill-Pembroke Athleta Sports Club specjalment fejn jissemma l-isem tal-Klabb.

6.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2968/09/I** 03/06/2009 **46/3156/09/I** 11/06/2009 E-mail mill-Awtorita' tad-Djar Customer Care fejn b'riferenza ghall-ittra li ntbaghtet dwar tibjid tal-faccata ta' Blk 5 San Gorg informaw lill-Kunsill li talbiet ghal tiswija fil-blokok tal-gvern prezentament ser jinghataw prijorita' kazijiet ta' struttura perikoluza u tiswija u rrangar ta' bjut perikoluzi u dwar tiswija ta' faccati ser jitfassal programm fejn jinghataw prijorita' dawk il-faccati li ghandhom l-aktar bzonn.

6.06. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2968/09/I u 46/3156/09/I** is-Sindku Joe Zammit nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li bhala procedura li kull min jaghmel mistoqsija jew jitlob xi taghrif lill-Kunsill ghandu jkollu risposta, ser tintbaghat risposta lir-residenti koncernati.

**46/3002/09/I** 04/06/2009 Bye Law li hargu l-Kunsill Lokali Santa Venera ta' l-2005 numru 58/1/2005 dwar l-organizzazzjoni ta' Korsijiet u Hargiet.

6.07. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3002/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ta' Pembroke ghandu jitlob biex ikollu l-istess tip ta' Bye Law b'xi emendi. Il-kelliem ippropona ukoll li kull min jixtieq izid xi affarijiet ghandu jinforma lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kemm jista' jkun malajr halli wara jintalab il-parir legali ta' l-Avukat tal-Kunsill dwarhom.

6.08. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill bil-procedura li hemm bzonn issir sabiex il-Kunsill jaghmel Bye Law.

6.09. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li l-Kunsill ghandu jimxi mal-gwidi necessarja u jsir dak kollu li hemm bzonn.

6.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3004/09/I** 04/06/2009 E-mail mill-Accountant is-Sinjura Romina Perici Ferrante fejn baghtet twegiba ghall-e-mail li baghtna fuq l-audit financial statements u staqsiet jekk tistax tigi l-Gimgha 12 ta' Mejju 2009 biex taghlaq l-acounts tax-xahar ta' Mejju 2009.

6.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3004/09/I** is-Sindku Joe Zammit nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3049/09/I** 05/06/2009 Ittra minghand it-Traffic Management Unit fejn informaw lill-Kunsill li accettaw li jigu nstallati 3 road humps fi Triq Martin Luther King skond il-kundizzjonijiet li baghtu.

6.12. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3049/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li minhabba lmenti li saru minghand ix-xufiera tal-karozzi tat-trasport dawn m'ghandhomx isiru sabiex ma jigrix kif kien gara fi Triq il-Mediterran u jkollhom jitenehhew wara ftit taz-zmien.,

6.13. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3073/09/I** 05/06/2009 E-mail minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali fejn b'riferenza ghall-patt tas-Sindki baghtu l-formola ta' adezjoni li trid timtela u tintbaghat lill-AKL mill-aktar fiss possibbli.

6.15. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3073/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jiffirma dan il-patt tas-Sindki.

6.16. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3079/09/I** 08/06/2009 Ittra minghand is-Sur Mark Abela fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar xoghol ta' hadid u welding nforma l-Kunsill li ghadu nteressat li jaghmel dan ix-xoghol bir-rata ta' €11.50 inkluz il-VAT basta x-xoghol ma jkunx aktar goff jew robust biex jinhadem minhabba li jkun hemm bzonn ta' ghajnuna manwali minn persuni ohra.

6.18. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3079/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jekk tinhass il-htiega ta' xi xoghol u jkun hawn approvazzjoni mill-Kunsill, il-Kunsill ghandu jaghmel uzu tas-servizz ta' dan is-sinjur bhal ma sar fl-imghoddi. Il-kelliem ippropona li ghandu jinxtara l-materjal li hemm bzonn.

6.19. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u qal li l-ewwel xoghol li ghandu jsir huwa r-railing f'St. Patricks, il-bibien tal-latrini tal-Gnien 4 ta' Lulju u r-railing ta' Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

6.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3084/09/I** 08/06/2009 Kwotazzjoni minghand is-Seashells fejn infurmaw lill-Kunsill bis-set menus li joffru nkluz it-trasport ghal gurnata Ghawdex.

6.21. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3084/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta din il-kwotazzjoni vis-a-vis l-attivitajiet li ser isiru ghal Jum Pembroke.

6.22. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3085/09/I** 08/06/2009 Ittra minghand is-Sur Denis Darmanin fejn baghat kopja draft ta' parti mill-ktieb fuq Pembroke sabiex issir il-korrezzjoni li hemm bzonn kif fil-fatt sar mis-Sindku Joe Zammit.

6.24. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3085/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kif jitlesta d-draft kollu dan ghandu jingieb il-Kunsill biex il-Kunsill jiddeciedi meta ser johrog ghall-printing u dwar il-prezentazzjoni tieghu.

**46/3086/09/I** 08/06/2009 E-mail minghand is-Sur Vincent Attard fejn irringrazzja l-Kunsill tad-dawl li gie nstallat fl-ahhar ta' Triq il-Mediterran.

6.25. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3086/09/I** is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill ghandu jiehu nota ta' dan l-apprezzament.

**46/3100/09/I** 09/06/2009 Newsletter minghand l-ECAD volum 3 numru 118 tax-xahar ta' April fejn hemm imsemmi li 17th Mayors Conference ser issir f'Malta April/Mejju 2010 kif ukoll fejn ser jigi prezentat bl-ECAD Award 2010.

6.26. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3100/09/I** is-Sindku Joe Zammit nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3115/09/I** 09/06/2009 E-mail minghand il-Kummissarju ghat-Tfal fejn informaw lill-Kunsill li rcievew ilment dwar l-istat hazin li jinsabu l-bandli ta' Pembroke u talbu l-Kunsill jinvestiga l-kaz sabiex titjieb is-sitwazzjoni kif ukoll informaw lill-Kunsill li l-Kummissarju ghat-Tfal tixtieq li ssir laqgha mas-Sindku gewwa l-Kunsill.

6.27. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3115/09/I** is-Sindku Joe Zammit qal li l-laqgha ma' dawn is-sinjuri ghandha ssir fil-jiem li gejjien.

